# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 13**

**Rikors Numru 27/12 AE**

**Peter Montebello**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u**
**l-Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent, minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-19 ta' Gunju 2015, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

## Il-Fatti

2. Rizultat ta' investigazzjoni li saret mill-pulizija fil-11 ta' Ottubru 2010 rigward vettura uzata mir-rikorrent dan kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tat-traffiku fis-16 ta' Dicembru 2010 akkuzat b'diversi reati li, filwaqt li l-pulizija irtirat uhud minnhom, ir-rikorrent ammetta l-ewwel akkuza li huwa kien *"ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort' ohra [ABE – 749] minn dik moghtija mill-Awtorita` ghat-"Trapsort f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari"* u ammetta wkoll il-hames akkuza li *" saq u ghamel uzu minn vettura bil-marka 'Leyland' bin-numru ta' registrazzjoni FAW – 971 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport F'Malta biex tintuza fit-triq".* Rizultat ta' dan fl-24 ta' Frar 2011 huwa kien gie misjub hati a tenur tar-regolament 44[5] tal-Avviz Legali 198/2009 u ai termini tal-Artikolu 15[1][a][3] tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u kien gie ikkundannat piena ta' multa komplessiva u skwalifika milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal tmint ijiem.

3. Rizultat ta' informazzjoni li kienet irceviet il-Pulizija, fl-istess xahar ta' Ottubru izda qabel ma r-rikorrent kien tressaq fuq l-akkuzi fuq indikati, il-Pulizija ghamlet spezzjoni ohra fuq il-vettura. Sussegwentement irrizultalha li kien hemm provi bizzejjed biex tixli lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Stuttorja talli

*“ … f’Ottubru 2010 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer u minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun baghbas, biddel jew ghamel numru ta’ identifikazzjoni ta’ chassis jew magna, ta’ jew fuq, vettura bil-mutur u cioe` biddel in-numru tac-chassis u tal-magna tal-vettura JAF 372”.* Huwa gie mixli b’din l-akkuza fis-26 ta’ Mejju 2011.

<u>Mertu</u>

4. Ir-rikorrent jilmenta li bit-tieni akkuza kien qieghed jigi lez fil-konfront tieghu d-dritt tieghu taht l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Kostituzzjoni], u l-Artikolu 4(1) tas-seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]. Dan ghaliex huwa kien diga` tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] mixli u issentenzjat b’reati relatati mal-istess vettura u li johorgu mill-istess fatti.

5. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma illi z-zewg artikli tal-Ligi li fuqhom hija msejsa l-azzjoni attrici kienu jirrikjedu l-istess fatti u in kwantu l-fatti taz-zewg kazi huma differenti cahdet it-talbiet tar-rikorrent.

6. It-talbiet tar-rikorrent fir-rikors promotur jaqraw hekk:

> “[li l-Qorti] 1. Tiddikjara u tiddecidi illi t-tehid ta’ proceduri sussegwenti kif fuq spjegat u premess wara li l-esponent instab hati jivvjolaw l-artikoli [fuq indikati] … u [2] taghti dawk il-provvedimenti u rimedji li jidhrulha

xieraqa."

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-ilment tar-rikorrent hu li meta gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li f'Ottubru 2010 u xhur ta' qabel *"….. baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura l-mutur, u cioe' biddel in-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF372"*, dik it-tieni procedura tilledi:-
>
> "i. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
> "ii. L-Artikolu 4(1) tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> "Jirrizulta li l-istess rikorrent kien diga' gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li fil-11 ta' Ottubru 2010 gewwa Triq Duncan, Marsaxlokk, saq jew waqt li kien qieghed juza vettura tal-marka Leyland bin-numru FAW-971:
>
> "1. ghamel uzu min-numru ABE-749 li hu differenti min-numru tal-vettura FAW-971;
> "2. wahhal pjanci ta' numru ta' registrazzjoni li ma kienux jirreferu ghall-vettura FAW-971;
> "3. ghamel uzu minn licenzja ta' vettura li kienet tappartjeni ghall-vettura tat-tip ERF bin-numru ABE-749 u ntuzat fuq il-vettura FAW-971 tat-tip Leyland;
> "4. kellu l-vettura ABE-749 ipparkjata fit-triq minghajr licenzja;
> "5. saq il-vettura FAW-971 minghajr ma kienet licenzjata;
>
> "Ir-rikorrent ammetta l-akkuzi numru 1 u 5.
>
> "Il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi numru 2, 3 u 4. Fl-24 ta' Frar 2011 inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [fol. 5] li biha r-rikorrent instab hati u kkundannatu ghall-multa ta' €350. Ir-rikorrent gie wkoll skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tmint (8) ijiem.
>
> "M'hemmx dubju li r-reati li taghhom ir-rikorrent instab hati fl-ewwel kawza huma differenti mir-reat mputat fit-tieni kawza.
>
> "Skont l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali:-

*"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra"*.

"L-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7, jipprovdi:

*"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State* ***for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted*** *in accordance with the law and penal procedure of that State".*

"Ir-reat li bih ir-rikorrent gie akkuzat fit-tieni kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mat-tieni kaz. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea **Pirttimaki v Finland**, 10 ta' Mejju 2014[1], saret riferenza ghall-kaz ta' Zolotukhin fejn:

> *"Accordingly, the Court took the view that Article 4 of Protocol No. 7 had to be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it* ***arose from identical facts or facts which were substantially the same****. It was therefore important to focus on those facts which constituted a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which had to be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"*.

"Fl-ewwel proceduri l-vettura bin-numru JAF 372 qatt ma ssemmiet. Mill-provi rrizulta li:-

"i Fil-11 ta' Ottubru 2010 il-pulizija ghamlet spezzjoni ta' vettura Leyland li kellha pjanci bin-numru ABE 749. Mill-investigazzjoni rrizulta li n-numru ABE 749 kien jappartjeni lill-vettura tat-tip ERF. Ghalhekk il-vettura Leyland kellha pjanci b'numri ta' vettura ohra. L-ghada r-rikorrent kien ha l-vettura tat-tip ERF bin-numru ABE 749 sabiex tigi spezzjonata mill-pulizija (ara affidavits ta' Surgent 853 li gew prezentati fl-ewwel proceduri kriminali, fol. 161 u 163).

"ii. Fl-20 ta' Ottubru 2010 saret spezzjoni ohra fuq il-vettura Leyland u rrizulta li kien sar tibdil tan-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF 372. L-Ispettur Anthony Mercieca kien investiga dan it-tieni kaz. Hu xehed li l-ispezzjoni saret fuq l-istess vettura li l-pulizija raw fil-11 ta' Ottubru 2010. Spjega: *"….. mill-ewwel investigazzjonijiet irrizulta illi allegatament dan it-truck kellu n-numru tac-chassis u tal-engine number imbaghbsin b'tali mod illi gie jidher daqs li kieku huwa truck iehor tal-istess ghamla Leyland illi jappartjeni lil Peter Montebello. Fil-fatt irrizultalna illi dak it-truck kien fil-fatt il-JAF 372 u dan irrizulta mill-fatt illi fejn suppost kien hemm ic-chassis number tieghu stampat sibna fil-fatt chassis number proprju*

[1]Ara wkoll sentenza **Nykanen v. Finland** (11828/11) deciza fl-20 ta' Mejju 2014.

*minkejja illi kien hemm numri ohra illi kienu gew stampati fuq l-imsemmi chassis u engine number…"* (fol. 59). Fil-21 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrent gie nterrogat u rrilaxxa stqarrija (fol. 111).

"Ghalkemm ir-reat jidher li jitratta dwar l-istess oggett, b'daqshekk ma jfissirx li ghandek l-istess fatt. Fir-rigward tat-tieni akkuza din saret wara investigazzjoni gdida li fiha l-pulizija saret taf b'fatt gdid. Fatt li ma kellu x'jaqsam xejn mal-ewwel akkuzi.

"L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:-

> *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba hatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri* ***għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat*** *ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat".*

"Provvediment li jidher iktar wiesgha mill-Artikolu 4 tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni gialadarba jipprovdi wkoll li persuna m'ghandhiex terga' tghaddi proceduri ghal reat li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat. Ghalkemm l-enfazi qeghda fuq il-kelma 'reat', madankollu l-qorti hi tal-fehma li wkoll fir-rigward ta' dan il-provvediment hu mehtieg l-element **tal-istess fatt**. Hekk biss jista' jiftiehem il-kliem li persuna m'ghandhiex terga' tghaddi minn proceduri ghal reat li ghalih *"…..setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat"*.

"Madankollu fil-fehma tal-qorti fil-kaz tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, hu mehtieg ukoll l-element tal-istess fatti.

"Fit-tieni kaz ir-reat kien tibdil ta' numru ta' chassis u numru tal-magna tal-vettura JAF 372. Fatti li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ewwel proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent li kienu jitrattaw l-uzu ta' pjanci bin-numru ta' vettura fuq vettura ohra u sewqan minghajr licenzja tal-vettura. Hu veru li t-tahrika dwar l-ewwel kaz inharget fis-16 ta' Dicembru 2010, cjoe' wara li kienet konkluza l-investigazzjoni dwar it-tieni kaz[2]. Ghalhekk ir-raguni tghidlek li l-pulizija messha harget tahrika wahda, pero' 'l fatti xorta jibqghu differenti. Fatti li qatt ma gew ikkunsidrati fl-ewwel kawza li giet deciza fl-24 ta' Frar 2011."

---

[2]L-Avukat Generali m'ghandux ragun meta qal li meta r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-pulizija *'….. ma kellhom l-ebda hjiel tat-tieni reat u fil-fatt m'akkuzawhx bih'* (fol. 15).

L-Appell

8. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet kollha tieghu fis-sens li ssib l-ezistenza ta' vjolazzjoni tal-principju *ne bis in idem* kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, kif ukoll taghti dawk il-porvvedimenti u rimedji li jidhrulha xierqa, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

9. Ir-rikorrent jibbaza l-appell tieghu fuq tliet aggravji principali, ossia illi l-ewwel Qorti (1) interpretat il-fatti u l-ligi erronjament meta qalet li l-fatti kif pruvati ma jilledux l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni; (2) kienet ukoll zbaljata meta ddecidiet li l-akkuzi ma jinvolvux l-istess fatti; (3) ma kkonsidratx is-sottomissjonijiet tal-esponent fuq l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

10. Min-naha taghhom, l-intimati jissottomettu li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghhom, l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

11. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jinkorpora fih mhux biss li persuna ma tistax terga' tigi pprocessata ghall-istess reat, izda wkoll li ma tergax tigi pprocessata ghal reat li ghalih setghet giet akkuzata fl-ewwel proceduri. Jghid li pero` l-ewwel Qorti interpretat dan l-Artikolu strettament u injorat ghal kollox il-pratticita` tieghu, b'dan illi ikkonkludiet li billi ma hemmx l-istess fatti involuti fiz-zewg settijiet ta' akkuzi, allura dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni ma giex ivvjolat.

12. Jghid li din l-interpretazzjoni ma hijiex legalment korretta, ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali … *"jista' jkun hemm reati differenti li johorgu mill-istess fatti izda xorta l-Prosekuzzjoni ghandha taghmel kaz wiehed u tinkludi r-reati kollha". [***Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) v. Anthony Migneco**, 19 ta' Gunju 2014].

13. L-appellant ikompli jsostni t-tezi tieghu billi jaghti ezempju ta' persuna li tisraq karozza sabiex izzomm persuna ohra kontra r-rieda taghha u tistupraha, u jghid li dawn ir-reati huma konnessi mal-istess fatti izda l-elementi taghhom huma ferm differenti u jekk il-prosekuzzjoni ma tinkludix is-serq ta' karozza fit-tahrika, ma tistax imbaghad, wara li l-persuna tkun giet iggudikata, terga' tohrog tahrika ohra ghal dan ir-reat, ghaliex huwa konness mal-fatti l-ohra.

14. Jghid li f'din l-istanza, ir-rikorrent gie akkuzat darbtejn, darba talli ipprova jghaddi karozza b'ohra billi bidlilha l-pjanci u darba billi allegatament bidlilha n-numru tac-chassis u/jew magna. Jghid li billi l-atti tieghu jikkonsistu f'reati differenti, dan ma jfissirx li l-ghan tal-atti ma kienx l-istess, u cioe` illi karozza tidher qisha ohra, bhal ma l-ghan tas-serq tal-karozza fl-ezempju minnu moghti kien li jikkommetti stupru.

15. Jikkwota gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-snin 1941 u 1918 u jghid li dawn jikkonfermaw dan ir-ragunament, ossia in sintesi, li l-eccezzjoni *ne bis in idem* tapplika wkoll meta, ghalkemm ikun hemm iktar minn reat wiehed allegatament kommessi mill-istess persuna bhala rizultanti mill-istess fatt jew agir ta' dik il-persuna, jekk din tigi akkuzata b'xi reat minnhom u tigi gudikata fuqu, ma tistax terga' titressaq il-Qorti u tigi akkuzata bi vjolazzjoni ohra marbuta jew rizultanti mill-istess fatt jew agir.

16. Inoltre, il-pulizija kienet edotta bil-fatti kollha kemm huma meta harget l-ewwel tahrika fil-konfront tal-esponent u dan billi kif xehed l-ispettur Mercieca fl-10 ta' Ottubru 2013, l-ewwel spezzjoni saret fit-12 ta' Ottubru, u l-ispezzjoni mit-*technical unit* saret fl-20 ta' Ottubru, mentri l-ewwel tahrika harget fis-16 ta' Dicembru 2010.

17. Jghid li b'hekk wiehed kien jistenna li fl-interess tal-gustizzja u l-

ekonomija taghha, l-akkuzi jinhargu kollha f'tahrika wahda u mhux l-ewwel jistennew ammissjoni tal-esponent fuq l-ewwel akkuzi mbaghad iressqu it-tieni "sett ta' akkuzi" meta joghgobhom. Jghid ukoll li hu seta' ammetta l-akkuzi migjuba kontrih propju ghaliex haseb li helisha hafif, mentri mbaghad inqabad f'nasba ghaliex wara tali ammissjoni, il-pulizija harget akkuzi godda fil-konfront tieghu.

18. Jghid li fis-sustanza jidher illi mhux gust li ghall-istess fatti, anke jekk potenzjalment huma akkuzi differenti, persuna trid twiegeb darbtejn, aktar u aktar meta mir-rizultanzi li kellha l-pulizija, din setghet tressaq iz-zewg akkuzi mill-ewwel. Jekk il-pulizija ghazlet li tressaq it-tieni akkuza a*s an afterthought* dan ma ghandux isir bi pregudizzju tieghu.

*It-tieni aggravju*

19. Ir-rikorrent jghid li ma jaqbilx mal-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li *"ghalkemm ir-reat jidher li jitratta dwar l-istess oggett, b'daqshekk ma jfissirx li ghandek l-istess fatt. Fir-rigward tat-tieni akkuza din saret wara investigazzjoni gdida li fiha l-pulizija saret taf b'fatt gdid. Fatt li ma kellu x'jaqsam xejn mal-ewwel akkuzi."*

20. Jghid li l-akkuzi li ngiebu fil-konfront tieghu huma kollha relatati mal-istess vettura u l-istess allegat agir tal-esponent u ghalhekk johorgu

mill-istess fatti.

21. Jghid li dan huwa car u manifest fil-fatt illi l-allegazzjonijiet jammontaw ghal haga wahda: li r-rikorrent wettaq atti biex karozza tidher qisha ohra. Ghalkemm il-pulizija ndunat bl-allegat tentattivi tieghu sabiex jaghmel dan fi granet differenti, dan ma jfissirx li l-fatti huma differenti. Huwa uza pjanci ta' vettura minn tieghu ghal vettura ohra peress illi l-pjanci ta' dik il-vettura kienu garaxxjati, waqt li qed jigi wkoll allegat li lill-istess vettura, huwa bidlilha n-numru tac-chassis u/jew tal-magna.

22. Jghid li dak li hu zgur hu li kieku l-Pulizija ghamlu spezzjoni sewwa fuq il-vettura meta saret l-ewwel spezzjoni taghhom fit-12 ta' Ottubru 2010, kienu jindunaw kemm bit-tibdil tal-pjanci, kif ukoll bl-allegat tibdil tan-numru tac-chassis u/jew magna.

23. Jghid li l-fatt li l-Pulizija stess fit-tieni tahrika ssemmi li r-reat sar *"f'Ottubru 2010 u fix-xhur ta' qabel"* hija ammissjoni tal-fatt li meta kienet saret l-ewwel spezzjoni, in-numru tac-chassis u l-magna kienu diga` allegatament imbaghbsin.

*It-Tielet Aggravju*

24. Jghid li l-ewwel Qorti injorat is-sottomissjoni tal-esponenti dwar il-

ksur tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u dan billi, ghalkemm irrikonoxxiet illi l-fatti kienu tali li l-esponent seta` gie akkuzat bihom fl-ewwel proceduri, ma sabitx lezjoni tieghu.

25. Jghid li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet konxja tal-fatt li l-Artikolu 39(9) gie lez billi l-pulizija kienet taf bil-fatti li ifformaw il-bazi tat-tieni akkuza, izda arbitrarjament iddecidiet illi tiffoka biss fuq l-elementi li jammontaw ghal lezjoni tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, minghajr ma tirrikonoxxi li l-elementi taz-zewg lezjonijiet huma ferm differenti minhabba l-fatt li l-Kostituzzjoni ghandha protezzjoni iktar wiesgha. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti tikkonkludi billi tghid: *"l-pulizija missha harget tahrika wahda pero` l-fatti xorta jibqghu differenti."*

26. Ikompli jghid illi l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li kwalunkwe procedimenti fuq fatti konnessi ma' xulxin jassorbu go fihom kwalsiasi akkuzi ohra li setghu ngiebu fil-konfront tal-imputat u dana jfisser illi wiehed ma jistax jerga' jigi ipprocessat ghall-fatti li ghalihom seta' gie ipprocessat fi proceduri precedenti.

27. Jghid li dawn is-sottomissjonijiet kienu jimmeritaw risposta gudizzjarja u mhux semplicement jigu injorati. Il-Qorti ghandha dritt li jew tilqa' jew tichad sottomissjoni izda mhux tinjoraha.

28. Jghid ghalhekk li d-decizoni tal-ewwel Qorti hija zbaljata fil-fatt u

fil-ligi ghaliex l-atti li jifformaw il-bazi taz-zewg “settijiet ta’ akkuzi” johorgu mill-istess fatt, u anke jekk dan ma huwiex il-kaz, xorta wahda l-esponent qatt ma kellu jerga’ jibda proceduri mill-gdid ghaliex it-tieni “sett ta’ akkuzi” setghu facilment jigu nkluzi fl-ewwel tahrika. Ghalhekk it-tieni proceduri kontrih jiksru d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tas-Seba’ Protocoll tal-Konvenzjoni.

*Ir-Risposta tal-Appell*

29. Fir-risposta taghhom ipprezentata fl-20 ta’ Lulju 2015, l-intimati jissottomettu illi l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk inhelset u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista’ terga’ titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment, ghajr fuq ordni ta’ Qorti oghla moghti matul kors ta’ appell jew procedura ta’ revizjoni tal-ewwel process, kif ukoll li hadd ma jitressaq mixli b’reat kriminali li tieghu dik il-persuna tkun diga` nghatat mahfra.

30. Il-principju ta’ *ne bis in idem* taht l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jfisser li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m’ghandha qatt terga’ tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom f’dak l-ewwel process.

31. L-intimati jissottomettu illi l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar 'l-istess reat' filwaqt li l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar 'l-istess fatt'. Jikkwotaw sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Vella et**, datata 19 ta' Frar 1999, fejn jinghad:

> "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda listess oggett; hekk, per ezempju, min f'okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-*res judicata*."

32. L-intimati jkomplu jissottomettu dwar fil-fehma taghhom x'jikkostitwixxi l-'istess reat' u jikkwotaw gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li fi zminijiet ricenti fasslet kriterju mahsub biex jaghti tifsira armonizzata tal-kliem l-'istess reat' u skont id-decizjoni moghtija mill-Grand Chamber fil-kawza fl-ismijiet **Zolotukhin v. Russia**[3] jikkwotaw, fost affarijiert ohra, illi *"Article 4 of Protocol No 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same".*

33. Ikomplu jissottomettu illi analizi tal-akkuzi migjuba kontra l-appellant turi *ictu oculi* li l-proceduri in kwistjoni huma dwar reati

[3] App. 14939/03.

kompletament differenti u li assolutament ma johorgux mill-istess fatt, ghaliex iz-zewg reati ghandhom elementi kostituttivi li ma jixxibhux kemm f'dak li jirrigwarda l-aspett materjali tar-reat, u kif ukoll f'dak formali. Jekk l-appellant fl-ewwel proceduri irrizulta li kellu l-intenzjoni formali li jbiddel il-pjanci tal-vettura, ma jfissirx li awtomatikament kellu wkoll l-intenzjoni li jbaghbas in-numru tac-chassis u tal-magna. Dan japplika wkoll ghal dak li jirrigwarda l-element materjali tar-reat fis-sens li persuna tista' fizikament tbiddel il-pjanci tal-vettura minghajr ma thassar in-numru tac-chassis jew tal-magna. Ikomplu billi jissottolinejaw ukoll id-distinzjoni li ikkrea l-legislatur bejn iz-zewg reati f'dak li jirrigwarda l-piena applikabbli u f'liema Qorti l-persuna akkuzata bir-reat ghandha titressaq. Jghidu li dawn id-differenzi huma rilevanti ferm sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm *'duplication of criminal proceedings'* jew le.

34. Jissottomettu illi l-argument tal-appellant illi l-Pulizija kellhom jiskopru bir-reat ta' tbaghbis fic-chassis u l-magna fl-ewwel investigazzjoni ma jregix u f'dan il-kaz gara li l-appellant gie investigat darbtejn ghal zewg reati differenti li gew skoperti mill-Pulizija fi zminijiet differenti.

35. Dwar it-tieni aggravju jissottomettu illi l-argument tal-appellant illi, galadarba l-akkuzi huma relatati mal-istess vettura allura l-akkuzi jirreferu ghall-istess fatti, huwa totalment bla bazi. Jikkwotaw sentenza

tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Christian Grech** li fiha l-Qorti tishaq li r-reat ta' serq mhux ir-reat ta' hasil ta' flus u l-fatt tas-serqa mhux il-fatt tal-hasil ta' flus. Hekk ukoll fil-kawza odjerna r-reati kienu totalment differenti, ghalkemm jikkoncernaw l-istess oggett.

36. Dwar it-tielet aggravju fis-sens li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx is-sottomissjoni tal-appellant fis-sens li l-appellant seta` gie akkuzat bl-akkuzi tat-tieni kaz fl-ewwel kaz, l-intimati jissottomettu illi l-principju ta' *ne bis in idem* ma jzommx milli bniedem jitressaq mixli izjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-ghamil ikun jikkostitwixxi iktar minn reat wiehed. Li jipprovdi huwa li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diga` ghaddiet proceduri li jkunu ntemmu b'sentenza li saret gudikat. Il-fatt wahdu li b'certu cirkostanzi jkun hemm duplikazzjoni ta' procedimenti mhuwiex bizzejjed sabiex jinstab li kien hemm vjolazzjoni.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

*L-ewwel u t-tieni aggravju*

37. Din il-Qorti tibda biex tirrileva illi l-ewwel zewg aggravji imressqa mill-appellant huma intrinsikament marbutin ma xulxin u jiccentraw fuq l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti tal-Artikolu 39(9) u dwar id-decizjoni

taghha li l-akkuzi in kwistjoni ma kinux jirrigwardaw 'l-istess fatti' u li ghalhekk l-akkuzi separati migjuba kontrih ma kinux immorru kontra l-protezzjoni moghtija mill-istess artikolu tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkonsidrahom flimkien.

38. Jibda biex jinghad li l-iskop tal-Artikolu 39[9] huwa li ma jigix permess li persuna li tkun ghaddiet minn proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u li tkun giet misjuba hatja jew liberata terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat, hlief fil-kazijiet eccezzjonali espressi fl-istess dispozizzjoni. Dan l-artikolu kostituzzjonali huwa aktar wiesgha mill-Artikolu 4 tal-Konvenjzoni, ghax filwaqt li dan tal-ahhar jitkellem biss fuq *"… xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi…. "*, dak tal-ewwel ikopri wkoll *"…. xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat".* Minn naha l-ohra kif espress ukoll mill-ewwel Qorti, huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-Artikolu 4 japplika meta t-tieni reat johrog minn *"identical facts or fact which are substantially the same".*

39. Dwar is-sottomissjoni tar-rikorrent li r-reati mertu taz-zewg proceduri kriminali huma bazati fuq "l-istess fatti" din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li r-reati li taghhom instab hati r-rikorrent fl-ewwel kawza huma differenti mir-reat imputat fit-tieni kawza kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

40. L-istess Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet referenza wkoll ghall-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li, wara sentenza li tillibera l- akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt, jerga' jkun suggett ghal proceduri kriminali ohra. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-artikolu huwa importanti ghaliex jitratta dwar 'l-istess fatt'. Issa, ghalkemm huwa minnu illi l-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni isemmi 'l-istess reat' u mhux 'l-istess fatt', kif osservat l-ewwel Qorti, anke fir-rigward tal-artikolu kostituzzjonali *de quo*, huwa necessarju li jikkonfigura l-element tal-"istess fatt" sabiex tigi validament invokata l-protezzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem* skolpit fl-imsemmi artikolu liema principju ghandu bhala l-bazi tieghu dak li persuna ma tigix processata izjed minn darba fuq l-istess attivita` jew agir kriminali.

41. Fir-rigward jinsab ritenut li "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-elementi materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett." *[Prim'Awla [Sede Kostituzzjonali]* **Francis Vella v. Avukat Generali** *deciza 29 Settembru 2009].*

42. Din l-interpretazzjoni ssib konfort ukoll fil-gurisprudenza iktar recenti tal-Qorti Ewropea kif spjegat minn *Professor Bastiaan van Bockel* fil-pubblikazzjoni tieghu: ***The ne bis in idem principle in EU***

***law A conceptual and jurisprudential analysis***[4] fejn jiccita mill-kaz **Zolotukhin v. Russia***.[5]:*

> "81. The Court considers that the use of the word "offence" in the text of Article 4 of Protocol No. 7 cannot justify adhering to a more restrictive approach. It reiterates that the Convention must be interpreted and applied in a manner which renders its rights practical and effective, not theoretical and illusory. (…)
>
> "82. The Court further notes that the approach which emphasises the legal characterisation of the two offences is too restrictive on the rights of the individual, for if the Court limits itself to finding that the person was prosecuted for offences having a different legal classification it risks undermining the guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 rather than rendering it practical and effective as required by the Convention (…).
>
> "83. Accordingly, the Court takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same."[6]

43. Hu jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "These clear and powerful statements are mostly self-explanatory; the Grand Chamber has overruled the earlier case law on this point in no uncertain terms[7] (with the exception only of *Gradinger*), and has taken a broad, functional approach to the interpretation of the same "offence". No doubt this approach is the most beneficial for legal certainty, and therefore for the subject.
>
> "The Court provided some further guidance on how this rule must be applied by national courts by explaining that the statements of fact from

[4] 23/05/2009, Pg 212 et seq.
[5] ECtHR (Grand Chamber), **Sergey Zolotukhin v. Russia** 10 February 2009 (Appl. No. 1493/03).
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[7] "While it is in the interests of legal certainty, foreseeability and equality before the law that the Court should not depart, without good reason, from precedents laid down in previous cases, a failure by the Court to maintain a dynamic and evolutive approach would risk rendering it a bar to reform or improvement" (para. 78 of the judgment).

> the previous decision will form "an appropriate starting point" in determining "whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same" and went on to emphasize "that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal".[8]
>
> "As always where the *ne bis in idem* principle is concerned, the next question will be: how must it be determined that a given set of facts is 'identical or substantially the same'? As discussed at several points in this study, there can be no single answer to this fundamental question, nor can the objective facts be seen entirely in isolation from the legal qualification of those facts where legal proceedings are concerned."

44. Din l-interpretazzjoni baqghet tigi adottata mill-Qorti Ewropea anke f'gurisprudenza iktar recenti.[9]

45. Ghalhekk l-istharrig li jrid isir huwa jekk ir-reati kontemplati fl-ewwel u fit-tieni akkuza humiex tassew derivanti mill-istess fatti, jigifieri jekk il-fatti li minnhom inhargu z-zewg akkuzi kontra r-rikorrent humiex *'identical or substantially the same'*. Dan propju jifforma l-bazi tal-ewwel zewg aggravji mressqa mir-rikorrent.

46. Huma relevanti f'dan ir-rigward l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civil fis-sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2014 fl-ismijiet **Paul u Marianne konjugi Hili v. L-Avukat Generali et**[10] illi

---

[8]Para 83 of the judgment.
[9] Vide **Pirttimaki v. Finland** (35232/11), 10/05/2014; **Nyaken v. Finland** (11828/11), 20/04/2014 ikkwotati mill-Ewwel Qorti, kif ukoll iktar recentement **Lucky Dev v. Sweden** (7356/10), 27 ta' Novembru 2014.
[10]Deciza fl-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014.

taghmel referenza ghal gurisprudenza nostrana b'referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti Ewropea:

> Għalhekk, "while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements" (ara - Ponsetti and Chesnel vs France - 14.9.1999 - Applik. Nru. 36855/97) ;
>
> Illi minn dak li joħrog minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropea wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" procediment jiksirx ir-regola tan-ne bis in idem hu jekk ir-reat li bih il-persuna tigi mixlija jikkostitwix għemil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diga' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza [il-probabbilita`] hija li jkun hemm ksur tal-principju tan-ne bis in idem.[sottolinear ta' din il-Qorti] Min-naħa l-oħra, jekk l-ghemil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn procedura waħda fil-gurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik irregola (ara – Goktan vs France – 2.7.2002 – Applik.Nru. 33402/96 – par. 44, 52)."

47. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi, jew ahjar l-"elementi essenzjali", jigifieri dawk materjali (l-"actus") u dawk formali (il-"mens") tar-reati kontenuti fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, huma ghal kollox distinti u separati. Kif gustament issottomettew l-appellati fir-risposta tal-appell taghhom, l-intenzjoni illi wiehed ibiddel il-pjanci tal-vettura, ma jfissirx illi necessarjament iggib maghha l-intenzjoni illi jbaghbas in-numru tac-chassis u l-magna. Daqstant iehor l-att materjali illi jbiddel il-pjanci fuq vettura ma jwassalx awtomatikament ghall-

konsegwenza li wiehed ibaghbas in-numru tac-chassis u tal-magna. Huma fatti separati illi jwasslu ghal reati differenti u ta' gravita` ferm differenti bejniethom. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jitqies li gie processat darbtejn dwar l-istess fatti u wisq anqas ghall-istess reat

48. Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li r-rikorrent pogga pjanci ta' karozza wahda (ABE-974) u fit-tieni proceduri qed jigi akkuzat li biddel in-numru tac-chassis u tal-magna f'numru ta' karozza ohra (FAW-971). Ir-reati ghalhekk kienu johrogu minn fatti differenti li s-sussistenza taghhom ma tiddependix wiehed fuq l-iehor, u li jezistu indipendentement minn xulxin. L-akkuzi ghalhekk setghu johorgu f'mumenti differenti, separati u distinti minn xulxin, minghajr ma jilledu l-principju baziku ta' *ne bis in idem.*

49. Din il-Qorti tosserva wkoll li, kif jirrizulta mill-provi, b'mod partikolari mix-xhieda tal-Ispettur Mercieca li kien l-ufficjal investigattiv dwar ir-reat tal-falsifikazzjoni, ghalkemm l-ezami tekniku tal-vettura sar fl-istess xahar li saret l-ewwel spezzjoni fejn instab il-bdil tal-pjanci, meta bdew l-ewwel proceduri kriminali il-pulizija ma kienitx ghadha certa dwar id-dimensjoni tal-attivita` kriminali li kienet qed tigi investigata[11]. Hekk fix-xhieda tieghu in kontro-ezami l-Ispettur Mercieca jirrispondi fin-negattiv meta gie suggerit lilu li *"fuq [il-vettura] JAF 372 intom qed tghidu illi [ir-rikorrent] ghamel in-numri taghha fuq [il-vettura] FAW*

[11] Jigi senjalat li l-kaz ghadu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja.

*971"*[12]*.* Jirrispondi fl-affermattiv meta l-ewwel Qorti staqsietu jekk *"l-akkuzi li gew mahruga kontra Peter Montebello kienu jirrigwardjaw zewg trucks differenti."*[13] Jghid ukoll li *"it-truck li saret il-falsifikazzjoni fuqu s' issa mill-investigazzjoni tal-Pulizija jirrizulta li huwa allegatament JAF 372".* Di fatti, filwaqt li l-ewwel proceduri kienu jirrigardjaw il-vettura FAW 971 u l-pjanci tal-vettura ABE 749, it-tieni proceduri huma limitati ghall-vettura bin-numru JAF 372. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimmilita serjament kontra t-tezi tar-rikorrent li l-attivita` kriminali kienet limitata ghal vettura wada.

50. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

51. It-tielet aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma ikkonsidratx is-sottomissjonijiet tar-rikorrent fuq l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, jew id-differenza bejn dan l-artikolu u l-iskop tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol. Dan mhu minnu xejn u din il-Qorti stess, fil-konsiderazzjonijiet taghha iktar 'l fuq, taghmel referenza ghall-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti proprju fuq il-protezzjoni aktar wiesa' li jaghti l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni meta mqabbel ma' dak tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni.

52. Rigward l-ilment li l-pulizija messha ipprocediet kontra r-rikorrent bi procedura wahda, din il-Qorti, kuntrarjament ghall-osservazzjoni

---

[12]Fol. 91.
[13]Fol. 82.

maghmula mill-ewwel Qorti, tirrileva li l-attivita` kriminali formanti l-bazi tat-tieni proceduri kienet differenti minn dik li fuqha kienu bazati l-ewwel proceduri. Inoltre, hija korretta s-sottomissjoni tal-intimati li "il-Pulizija jinvestigaw il-kazijiet u hadd ma jista' jippretendi li ghandhom jigu a konoxxenza ta' certu reati mill-ewwel. Hafna drabi l-Pulizija tagixxi abbazi ta' informazzjoni provduta minn terzi u f'dan il-kaz gara li l-appellant gie investigat darbtejn ghal zewg reati differenti li gew skoperti mill-pulizija fi zminijiet differenti. L-argument tal-appellant huwa ferm perikoluz u jkun jfisser li l-Pulizija tkun tista' takkuza persuna darba biss allavolja eventwalment jiskopru li din effettivament wettqet reati ohra."

53. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju jirrizulta infondat u qed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df